

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2019 — Spanja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-554/19)**

(2019/C 319/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet***Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: M. García-Valdecasas Dorrego, aġent)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet***Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:*

- tannulla l-avviż ta' kompetizzjoni;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa ppreżentat kontra l-Avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/374/19, amministraturi (AD7), fl-oqsma li ġejjin: 1. dritt tal-kompetizzjoni; 2. dritt finanzjarju; 3. dritt tal-Unjoni ekonomika u monetarja; 4. regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit tal-Unjoni Ewropea; 5. protezzjoni tal-muniti fl-Ewro kontra l-iffalsifikar ⁽¹⁾.

Insostenn tar-rikors tiegħu r-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament Nru 1/58 ⁽²⁾, tal-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, li jirriżulta mill-fatt li s-sistema ta' komunikazzjoni bejn l-EPSO u l-kandidat ġiet limitata għall-Ingliż, għall-Franċiż, għall-Ġermaniż jew għat-Taljan, u li l-lingwi li jistgħu jintużaw sabiex tiġi kkompletata t-taqsimha *Evalwatur tal-Kapaċitajiet* tal-att ta' kandidatura ġew limitati.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 1 u 6 tar-Regolament Nru 1/58, tal-Artikolu 22 tal-Karta, tal-Artikoli 1d(1) u (6), 27 u 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jirriżulta mill-fatt li l-għażla tat-tieni lingwa ġiet indebitament limitata għal erba' lingwi biss (il-Franċiż, l-Ingliż, il-Ġermaniż u t-Taljan), sa fejn il-lingwi uffiċjali l-oħra tal-Unjoni Ewropea huma esklużi.
3. L-għażla tal-Ingliż, tal-Franċiż, tal-Ġermaniż u tat-Taljan hija arbitrarja u tagħti lok għal diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa li tmur kontra l-Artikoli 1d(1) u (6), 27 u 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal.
4. Il-fatt li l-avviż ta' kompetizzjoni ma jispeċifikax espliċitament li l-lingwa 1 għandha tkun il-lingwa li fiha l-kandidati għandhom minn tal-inqas livell C1 jagħti lok għal diskriminazzjoni doppja, ibbażata fuq in-nazzjonalita u fuq il-lingwa "mitkelma", bi ksur, għalhekk, tal-Artikoli 1d(1) u (6), 27 u 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal.

⁽¹⁾ ĠU 2019, C 191A, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3).